MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 7/2004

Maria sive Mary Cassar .

VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :

Illi hija Maria sive Mary Cassar twieldet fid-dsatax (19) ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija u sebghin (1970) u l-att tat-twelid tagha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv erbat'elef sitt mija u erbgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u sebghin (4654/1970) dok A ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie mnizzel bhala 'Mary' u dan nonstante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici jkun 'Maria' ;

Illi di piu' l-attrici dejjem kienet maghrufa ossija msehha bl-isem ta' 'Maria' u dana anke kif jirrizulta mill-kopja tal-karta ta' l-identita' taghha (dok B) u mic-certifikat rilaxxat lilha mid-Dipartiment tas-Sahha (Nursing & Midwifery Board) ( Dok C) ;

Illi l-attrici ghalhekk qed issib diffikulta minhabba d-disprepanza li hemm fl-isem taghha kif uzat minnha u cioe' 'Maria' u l-isem kif imnizzel fic-certifikat tat-twelid taghha u cioe' 'Mary' .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru erbat'elef sitt mija u erbgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u sebghin (4654/1970) billi fil-kolonna "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "ismijiet moghtija" l-isem 'Mary ' jigi sostitwit bl-isem 'Maria' .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument A, kopja tac-certifikat tat-twelid numru erbat'elef sitt mija erbgha u hamsin ta' l-elf disa' mija u sebghin (4654/1970), bhala dokument B kopja tal-karta ta' l-identita' ta' l-attrici, bhala dokument C kopja tac-certifikat mahrug mill-attrici minn nursing and midwifery Board dipartiment tas-sahha .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku, illi ggib id-data tas-sitta u ghoxrin ta' Jannar, tas-sena elfejn u erbgha ;

Innutat illi l-istess konvenut baqa' kontumaci .

Rat ukoll ir-rikors ta' l-attrici tal-wiehed u ghoxrin ta' Jannar elfejn u erbgha fejn talbet illi tipprocedi ghal din il-kawza permezz ta' l-ghajnuna legali .

Rat id-degriet taghha tat-23 ta'  Jannar elfejn u erbgha, fejn laqghet din it-talba .

Il-Qorti wara li ezaminat ic-certifikati esebiti, u peress illi jirrizulta illi t-talba attrici hija gustifikat, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru erbat elef sitt mija u erbgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u sebghin (4654/1970), billi fil-kolonna "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Mary' jigi sostitwit bl-isem 'Maria'.

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

S704Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------